MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-29 ta' April, 2003

Paul F. Vella
vs
Is-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz bejn Lulju 1987 u Jannar 1995 ir-rikorrent sofra ingustizzja billi: (1) gie mtellef fis-seniority tieghu skond l-istaff List ta' l-impjegati tac-Civil; (2) ma nghatax promozzjoni li kien jisthoqqlu minghajr raguni valida, anzi x'aktarx minhabba motivi politici.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti:

Ir-rikorrent kien dahal jahdem mal-Gvern fl-1953. Matul is-snin huwa kien avvanza minn grad ghall-iehor u fl-1 ta'

Settembru 1978 kien gie mahtur Assistant Head. Fl-istess data, b'avviz li kien deher fil-Gazzetta tal-Gvern kien gie mahtur Segretarju tad-Djar u Segretarju tal-Kummissjoni ghall-Hsarat tal-Gwerra. Huwa kien dam f'dawn iz-zewg karigi (effettivament Kap ta' Dipartiment) sa Marzu 1986. Dan jidher fl-iStaff Lists tac-Civil tal-1979, 1982, 1984 u 1986, fejn isem ir-rikorrent kien jidher kemm mal-kapijiet tad-dipartimenti kif ukoll mal-Assistant Heads.

Illi f'Lulju 1987, kienu gew promossi diversi persuni mill-grad ta' Administrative Officer ghall-grad ta' Assistant Head. Ovvjament dawn kienu kollha 'juniors' tar-rikorrent peress li filwaqt li huma kienu hadu l-grad ta' Assistant Head f'Lulju 1987, ir-rikorrent kien ilu kwazi disa' snin f'dak il-grad billi kien sar Assistant Head fl-1 ta' Settembru 1978.

Illi fl-istaff List publikata fl-1 ta' Jannar 1986 (Dokument A), ir-rikorrent kien jidher bhala t-32 wiehed fil-lista ta' Assistant Heads fic-Civil. Madankollu, meta kienet giet publikata Staff List ohra fl-1 ta' Jannar 1989 (Dokument B), ir-rikorrent kien tnizzel bhala n-numru 102 peress illi kienu gew imqeghda qablu persuni li saru Assistant Head fit-28 ta' Lulju 1987.

Illi bir-regrading li kien sar, ir-rikorrent kien gie ingustament imtellef mis-seniority li kellu u kien gie maqbuz minn ghadd kbir ta' impjegati li kellhom anqas servizz minnu. B'konsegwenza, l-istess 'regrading' kien ikkawza telf ta' promozzjoni lir-rikorrent billi impjegati li kienu 'juniors' tieghu kienu gew ikkunsidrati ghall-promozzjoni qablu.

Illi fil-fatt f'zewg okkazjonijiet - fl-1989 u fl-1990 – kienu saru promozzjonijiet ghall-grad ta' Head I (grad oghla minn Assistant Head) u kienu gew promossi persuni li kien saru Assistant Heads fit-28 ta' Lulju 1987, filwaqt li r-rikorrent li kellu seniority fil-grad u servizz aktar minn bosta minnhom, kien baqa’ ma nghatax il-promozzjoni li kien jisthoqqlu (Dokumenti C u D).

Illi ma kien hemm l-ebda raguni valida ghaliex dan kellu jigri, peress illi r-rikorrent kien ilu jokkupa l-kariga ta' Assistant Head fis-servizz Civili ghal hdax-il sena u matul dan iz-zmien dejjem kellu xoghol tal-akbar responsabbilta` u dejjem qeda’ d-dmirijiet tieghu bl-akbar abbilta` u efficjenza, ghas-sodisfazzjon shih tas-superjuri tieghu.

Illi r-rikorrent kien kiteb lis-Segretarju Generali fl-Ufficcju tal-Prim Ministru dwar l-ilment gustifikat tieghu, izda baqa’ ma nghata ebda twegiba bil-miktub.

Illi fl-1990 ir-rikorrent kien qieghed fl-ufficcju tas-Segretarju Generali, waqt laqgha li fiha kien qed jakkumpanja lill-Imhallef M. Caruana Curran f'diskussjoni dwar il-Habs. Dak inhar is-Segretarju Generali, is-Sur George W. Borg, riferibbilment ghall-ilment tar-rikorrent kien assigura lir-rikorrent li hu definittivament kien ser ikun appuntat Head I qabel ma jirtira. Madankollu dan baqa’ ma sehhx.

Illi meta mbaghad kienet dahlet fis-Servizz Civili, is-sistema tad-Diretturi, Diretturi Generali ecc. fl-1993, ir-rikorrent kien applika ghal diversi postijiet ta' Direttur Grade 4, peress illi kellu s-seniority, kwalifiki u esperjenza necessarja. Madankollu ghal diversi drabi r-rikorrent ma kienx intaghzel ghal ebda wahda minn dawn il-hatriet, minkejja li kienu saru Diretturi persuni li kienu juniors tieghu. (Dokument E).

Illi r-rikorrent irrileva illi, meta kien qorob iz-zmien biex huwa jirtira minn mal-Gvern, wara 42 sena servizz li sbatax minnhom ghaddihom fil-grad ta' Assistant Head, u billi ra li kien gie mwarrab mill-awtoritajiet ingustament fit-talbiet tieghu, minghajr ma kien inghata ebda gustifikazzjoni, huwa kien kiteb lill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, wara parir li kien tah is-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru (illum l-Ombudsman). Pero`, il-Kummissjoni deherilha li t-talba tar-rikorrent ma kenitx saret fiz-zmien stipulat u ghalhekk ma kkunsidratx l-ilment tieghu. (Dokument F).

Illi b'konsegwenza tal-ingustizzja li sofra, ir-rikorrent kien bata moralment, fizikament kif ukoll finanzjarjament. Huwa kien ghadda minn perjodi ta' tensjoni u ansjeta` kbira meta hassu li kien qed jigi trattat ingustament u dan kellu anke konsegwenzi fuq sahhtu. Barra minn hekk bil-pubblikazzjoni tal-iStaff List tal-1 ta' Jannar 1989, ir-rikorrent kien gie mtellef ic-cans li jigi kunsidrat ghal promozzjoni. Dan kellu effett negattiv fuq il-karriera tar-rikorrent u apparti t-tbatija morali, ir-rikorrent kien sofra wkoll telf finanzjarju konsistenti kemm f' telf fl-awment ta' paga matul iz-zmien li kien ghadu impjegat mal-Gvern kif ukoll fil-pensjoni li kien beda jircievi minn meta rtira, peress illi din kienet relattiva ghall-paga applikabbli ghall-grad li kellu qabel irtira.

Illi b' hekk, ai termini tal-Att VIII ta' 1997, ir-rikorrent fil-perjodu fuq indikat, kien garrab ingustizzja u dana b'konsegwenza ta' distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew li minhabba fiha garrab inkapacita` jew restrizzjoni u dana b'azzjoni mehuda mill-intimat.

Illi biex isostni l-ilment tieghu r-rikorrent kien sejjer iressaq lix-xhieda murija fl-elenku.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab illi dan it-Tribunal joghogbu, wara li jisma' x-xhieda u sottomissjonijiet tar-rikorrent, jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jordna illi jinghata rimedju billi:

1. jigi dikjarat illi r-rikorrent gie ingustament imtellef is-seniority li kellu fis-Servizz Civili skond l-istaff List tal-1 ta' Jannar 1986 u li b'konsegwenza ta' dan gie mtellef l-oppurtunita` li javvanza fil-karriera tieghu.
2. jinghata l-promozzjoni li kien jisthoqqlu ghall-Head I u/jew ghal Direttur Grade 4, b'effett retroattiv mid-data li kien jisthoqqlu tali promozzjoni.

3. jithallas l-arretrati kollha ta' paga relativa ghal tali grad b'effett mid-data li kellu jinghata l-promozzjoni.

4. isir aggustament fil-pensjoni li qed jircievi r-rikorrent, relattivament ghall-paga fil-grad li kien jisthoqqlu jkun fih ir-rikorrent fiz-zmien qabel irtira mis-Servizz Civili u jithallas l-arretrati relattivi ghaz-zieda fl-istess pensjoni b'effett mit-30 ta' Jannar 1995.

5. Jinghata kumpens ghall-ansjeta`, tensjoni, u tbatija morali li sofra r-rikorrent b'rizultat tal-ingustizzja indidkata fir-rikors.

Fl-eventwalita` li dawn ir-rimedji ma jistghux jinghataw, ir-rikorrent talab li jigi ordnat jithallas lilu kumpens fl-ammont ta' Lm5000 jew kull ammont iehor li ma jeccedix il-Lm5000 li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tas-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru li eccepixxa:
Illi s-Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur ghal dan l-ilment stante li hatriet ghall-Kap ta’ Dipartiment huma specifikament regolati mill-Art 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u dawn isiru mill-Prim Ministru wara li jkun ikkonsulta ruhu mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, is-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru qal is-segwenti:

1. Illi dawk l-ufficjali fil-grad ta' Assistant Head li isimhom kien jidher qabel dak tar-rikorrent fl-ordni ta' l-anzjanita` fl-iStaff List ta' l-1989 kienu jidhru wkoll qablu fil-lista ta' l-Administrative Officers fl-istaff List ta' l-1978 (ir-rikorrent kien fil-post 211), jigifieri ezatt qabel ma hu kien inghata l-hatra ta' Assistant Head.

2. Illi fl-1988 il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji kienet waslet ghall-konkluzjoni li kienet saret ingustizzja ma’ numru ta' ufficjali meta dawn kienu gew

maqbuza fil-promozzjonijiet li saru ghall-grad ta' Assistant Head fl-1975 u fl-1978, u fuq rakkommandazzjoni taghha s-Seniority List ta' l-Assistant Heads kienet giet aggustata fuq il-kriterju li din kellha tirrifletti s-seniority li l-istess Assistant Heads kienu jgawdu fl-1971. Kien ghalhekk li r-rikorrent gie mqieghed fil-post numru 102 fl-1989.

3. Illi, ghaldaqstant, meta saru l-hatriet ta' Head I fl-1989 u fl-1990, ir-rikorrent ma kienx in the immediate field of selection, billi dawk kollha mahtura kienu jinsabu fost l-ewwel 44 post fis-seniority list ta' l-Assistant Heads.

4. Illi r-rikorrent kien applika ghal diversi postijiet ta' Direttur fl-1993, izda ma kien irrakkomandat ghal ebda wahda mill-pozizzjonijiet li kien applika ghalihom.

5. Illi l-applikazzjoni tieghu, bhal ma sar fir-rigward ta' kull applikazzjoni ohra kienet giet ikkunsidrata fid-dawl tal-kriterji normalment uzati, u cioe`, l-anzjanita` fil-grad, kwalifiki, esperjenza, track record, u merti ohra personali li jindikaw lill-applikant bhala l-persuna idoneja biex timla xi pozizzjoni partikolari.

6. Ghaldaqstant l-intimat talab lil dan it-Tribunal joghgbu ma jilqax it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrentipprezenta affidavit u fih semma li fis-6 ta' Lulju 1953 dahal jahdem mad-Dipartiment tal-Kummissjoni ghall-Hsarat tal-Gwerra. Fl-ahhar tas-snin sittin id-Dipartiment tal-Kummissjoni ghall-Hsarat tal-Gwerra u dak tad-Djar beda jkollhom l-istess persuna bhala Kap u dan kien jissejjah Segretarju tad-Djar u

Segretarju tal-Kummissjoni ghall-Hsarat tal-Gwerra, u dam jissejjah hekk sa l-1980. Hu baqa' jahdem hemmhekk hlief ghal zewg perjodi zghar. Fl-1976 giet imwaqqfa l-Awtorita` tad-Djar u r-rikorrent gie maghzul bhala Segretarju taghha. F' Novembru 1976 gie mitlub mill-Ministru responsabbli mid-Dipartiment tad-Djar biex jiehu hsieb it-tmexxija ta' dan id-Dipartiment peress li Salvino Bugeja li kien il-Kap ma setax jattendi izjed minhabba mard. Hu beda jissejjah Agent Segretarju tad-Djar u Agent Segretarju tal-Kummissjoni ghall-Hsarat tal-Gwerra. Dak iz-zmien kien Administrative Officer u dam f' din il-pozizzjoni mill-15 ta' Novembru 1976 sal-1 ta' Settembru 1978.

Fl-1 ta' Settembru 1978 gie mahtur Assistant Head u gie konfermat fil-kariga tieghu ta' Segretarju tad-Djar u Segretarju tal-Kummissjoni ghall-Hsarat tal-Gwerra, u dam hekk sa Marzu 1986. F'Lulju 1987 diversi persuni gew promossi minn Administrative Officer ghal Assistant Head. Fl-1 ta' Jannar 1989 giet pubblikata l-istaff list u dawn il-persuni li kellhom anqas seniority mir-rikorrent gew mqeghda qablu fil-grad ta' Assistant Head. Sostna li b'hekk gie ingustament imtellef l-anzjanita` u li dan jidher car mill-fatt illi waqt li fl-istaff list ta' l-1 ta' Jannar 1986 hu kien in-numru 32 fil-lista ta' Assistant Heads, f'dik ta' l-1 ta' Jannar 1989 gie mnizzel bhala numru 102. Ir-rikorrent sostna li l-anzjanita` hija determinata biss mid-data ta' meta ufficjal ikun appuntat fi gradi jew klassi partikolari [Estacode 1.3.6]. Sostna li dejjem qeda' d-doveri tieghu b'mod efficjenti u bl-akbar reqqa tant li mhux biss mexxa d-Dipartiment tad-Djar izda fl-istess zmien ghen lill-Awtorita` tad-Djar u l-Kummissjoni Hidma fil-Qrati bhala Segretarju taghhom. Qal li dawn id-doveri li nghata qatt ma kien talab ghalihom u allura sostna li din kienet xhieda tal-fiducja li kien igawdi mis-superjuri tieghu.

F' Lulju 1990 kien kiteb lis-Segretarju Generali fl-Ufficcju tal-Prim Ministru dwar din l-allegata ingustizzja izda baqa' minghajr risposta. Meta mbaghad fl-1991 iltaqa' mal-istess Segretarju Generali waqt xoghol u kellmu dwar l-ilment tieghu, dan kien assikurah li kien ser isir Head I qabel jasal biex jirtira minn mal-Gvern. Fl-1993 hu kien

applika ghall-diversi postijiet ta’ Direttur [sitta] grad 4 izda ma ntaghzel ghall-ebda wiehed minnhom. Qal li l-bord ta’ l-ghazla lanqas biss baghat ghalih biex jidher quddiemu ghalkemm kellu seniority, kwalifiki, u esperjenza. Sostna li bil-karigi li kellu lanqas kien ikun f’pozizzjoni li jiehu l-leave kollu li kien intitolat ghalih u li kellu jahdem ghal snin shah sieghat kuljum barra l-hin tax-xoghol, u wkoll fil-Hdud u l-Festi u dan minghajr hlas extra. Kien ghamel talba quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji pero` din ma gietx milqugha peress li qalulu li t-talba ma saritx fiz-zmien stipulat. Din l-ingustizzja kellha impatt negattiv fuq il-moral u fuq is-sahha u fuq il-finanzi tieghu. Qal li sofra wkoll telf fil-penzjoni meta rtira minn mal-Gvern.

<u>L-Imhallef Maurice Caruana Curran</u> ipprezenta affidavit u fih semma li meta kien Chairman tal-Kummissjoni tal-Habs u t-trattament tal-habsin kellu bhala Segretarju lir-rikorrent li kien jafu bhala civil servant mill-ahjar. Kompla jghid li r-rikorrent fil-prezenza tieghu kellem lis-Segretarju Generali fl-Ufficju tal-Prim Ministru li dak iz-zmien kien George W. Borg dwar l-ilment tieghu u dan assigurah li sakemm jirtira r-rikorrent isir Head I. Dan id-diskors ma kienx sar b’ xi weghda ufficjali izda kien jirrifletti l-opinjoni fundata tal-oghla ufficjal tac-Civil. Qal li r-rikorrent kien civil servant lejali, efficjenti u serju.

Xehed <u>George Borg</u> li qal li spicca mic-civil fil-kariga ta’ Segretarju Generali. Semma li l-aktar li jiftakar lis-Sur Vella meta kien segretarju tal-Imhallef Caruana Curran fiz-zmien li kien ghaddej bl-inkjesta dwar il-habs. Ix-xhud kien ifformula opinjoni tajba dwar ir-rikorrent u dan minhabba l-kummenti li kien jisma’ fuqu, anke mill-Imhallef Caruana Curran li f’ okkazjoni minnhom mar ikellmu dwar ir-rikorrent. Kompla jghid li ma kellux esperjenza diretta mar-rikorrent fuq ix-xoghol. Ma setax jiftakar jekk f’okkazzjoni minnhom wieghedx lir-rikorrent li se jiehu xi promozzjoni anqas seta’ jiftakar jekk ir-rikorrent kienx kitiblu dwar dan l-aspett. Ra l-ittra esebita fol 49 tal-process u qal li ma ftakarhiex ghalkemm ma eskludiex li kien ircievieha. Ftakar li l-Imhallef Caruana Curran kien kellmu dwar ir-rikorrent diversi drabi u kien jghidlu “sterling

work" u minghajru prattikament ma jkunx jista' jaqdi d-doveri tieghu.

Xehed Joseph Sammut li kien Kap tac-Civil bejn l-1982 u l-1995 hlief bejn l-1988 u l-1990 meta kien imsiefer. Lir-rikorrent jiftakru fil-kariga ta' Assistent Kap. Qal li l-Kostituzzjoni tghid li minn kariga ta' Kap 'il fuq id-decizjoni tkun tal-Prim Ministru b'konsultazzjoni mal-Public Service Commission u allura wiehed ma jistax jitkellem dwar qbiz. Meta kien Segretarju tal-Housing ir-rikorrent kien Kap ta' Dipartiment fi grad 5. Kompla jghid li hemm Kapijiet ta' Dipartiment li huma ta' certu grad u Kapijiet ta' Dipartiment li huma ta' grad iehor u li llum il-gurnata huma gradi 5 u 4. Qal li r-rikorrent kien Head fi grad sostantiv ta' Assistant Head. Semma x'kienu l-proceduri biex jinhatar Kap ta' Dipartiment qabel l-1992 u mill-1993 lil hawn. Dwar qabel l-1992 semma li triq tara l-lista ta' dawk kollha li huma in the field of selection, tibda minn fuq u tibqa' niezel 'l isfel in order of seniority izda mhux bil-fors lil min imissu by seniority. Is-seniority mhix the over riding consideration. Il-Housing Secretary kien kunsidrat bhala Kap ta' Dipartiment. Qal li llum hemm nies li qeghdin Segretarju Permanenti li huwa scale 2 imma l-grad sostantiv huwa ta' Senior Principal li huwa scale 7, ghax ghandek il-grad sostantiv u l-grad li tkun qed tokkupa fil-mument.

Xehed Vince Piccinino li kkonferma r-risposta tal-intimati. Kien hemm numru ta' nies fl-1975 u fl-1978 li minn AO's saru Assistant Heads u wara l-elezzjoni ta' l-1987 kien hemm numru ta' nies li ghadhom AO's li kienu lmentaw li meta saru l-hatriet ta' Assistant Heads fl-1975 u fl-1978 huma nqabzu b'mod ingust. Il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ddecidiet favur dawn in-nies u rrikmandat li s-seniority tigi restitwita kif kienet qabel. Is-seniority kellha terga' ssir kif kienet fl-1971. Jigifieri kien hemm gruppi ta' nies li minn zmien ghal zmien ilmentaw li qabzu lil xulxin u r-rikorrent kien wiehed minn dawn. Ma kienx jaf jekk din il-kawza quddiem il-Kummissjoni kenitx giet deciza biss fuq l-anzjanita` fis-sens ta' seniority.

**KONKLUZJONIJIET:**

Ir-rikorrent ilmenta dwar li gie mtellef is-seniority, li ma nghatax il-promozzjoni ghal Head I u / jew Director Grade 4, telf tal-flus ta' paga u pensjoni. Illum hu irtirat.

L-ewwel talba tar-rikorrent hi li jigi dikjarat illi r-rikorrent gie ingustament imtellef is-seniority li kellu fis-Servizz Civili skond l-istaff List tal-1 ta' Jannar 1986 u li b'konsegwenza ta' dan gie mtellef l-oppurtunita` li javvanza fil-karriera tieghu. Jinghad li rrizulta li kien hemm diversi persuni li kawza tad-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzi gew regraded u r-rikorrent li kien fit-32 posizzjoni fil-lista ta' Assistant Heads fic-Civil sab ruhu fil-pozizzjoni 102.

Hawn wiehed irid iqis l-ewwel eccezzjoni tal-intimat fuq il-meritu li tghid li "dawk l-ufficjali fil-grad ta' Assistant Head li isimhom kien jidher qabel dak tar-rikorrent fl-ordni ta' l-anzjanita` fl-istaff List ta' l-1989 kienu jidhru wkoll qablu fil-lista ta' l-Administrative Officers fl-istaff List ta' l-1978 (ir-rikorrent kien fil-post 211), jigifieri ezatt qabel ma hu kien inghata l-hatra ta' Assistant Head." Lanqas ma hu gust li wiehed jippretendi li jimxi b'linja stretta ta' seniority mill-1987 'l quddiem meta din ma intuzatx fl-1978, u kien propju ghalhekk li l-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzi hadet dawk il-mizuri. Irrizulta li fl-1988 il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji kienet waslet ghall-konkluzjoni li kienet saret ingustizzja ma' numru ta' ufficjali meta dawn kienu gew maqbuza fil-promozzjonijiet li saru ghall-grad ta' Assistant Head fl-1975 u fl-1978, u fuq rakkommandazzjoni taghha s-Seniority List ta' l-Assistant Heads kienet giet aggustata fuq il-kriterju li din kellha tirrifletti s-seniority li l-istess Assistant Heads kienu jgawdu fl-1971. Kien ghalhekk li r-rikorrent gie mqieghed fil-post numru 102 fl-1989.

Issa t-Tribunal la jhoss u lanqas logikament jista' qatt jasal ghall-konkluzzjoni li saret ingustizzja meta sar r-regrading! Ir-rikorrent qieghed jitlob lit-Tribunal li jvarja il-pozizzjonijiet fl-istaff list tac-Civil biex jidhol jibbenefika hu u fl-istess hin qieghed isostni li agir bhal dan jammonta ghal ingustizzja. Jekk l-agir tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzi kien ingust, bl-istess mod l-

agir tat-Tribunal ikun ingust, u kull darba li t-Tribunal jiddikjara li xi hadd ikun haqqu promozzjoni bir-ragunar tar-rikorrent jispicca ingust inkluz it-tieni talba tieghu. Dan ma jaghmilx sens u ma jistax jigi milqugh.
Ukoll it-Tribunal dejjem hass li hu ma ghandux jiddisturba decizjonijiet tal-Qrati jew tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzi sakemm ma jkunx manifest li hemm xi haga irregolari b'mod lampanti. Ghalhekk dejjem qis li dawk id-decizjonijiet kienu gusti u strah fuqhom bhal-decizzjonijiet tal-Qrati tal-Magistrati u tal-Onorabbli Qorti Kriminali meta kienet sabet htija f'xi individwu u per konsegwenza xi persuna spiccat imkeccija jew rifjutata promozzjoni. It-Tribunal ma ghandu ebda dritt li jiddikjara altrimenti.

Dan iwassal ghal fatt li jekk il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzi iddikjarat li kien hemm bzonn li jsir regrading biex jirranga ingustizzja dan kellu jigi accettat mit-Tribunal inkluz fil-kaz tar-rikorrent.

F'dan l-istadju t-Tribunal sejjer jezamina l-eccezzjoni tal-intimat li "s-Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur ghal dan l-ilment stante li hatriet ghall-Kap ta' Dipartiment huma specifikament regolati mill-Art 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dawn isiru mill-Prim Ministru wara li jkun ikkonsulta ruhu mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku."

Il-Kostituzzjoni fl-artikolu 92 tghid hekk:
"(4) Il-kapijiet ta' dipartimenti tal-gvern li ma jkunux dawk li l- mod ta' hatra taghhom huwa specifikatament provdut f'din il-Kostituzzjoni ghandhom ikunu mahtura minn fost l-ufficjali pubblici anzjani mill-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku."

It-Tribunal sejjer issa jikkwota mis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet Victor Vella Muscat vs Onor Prim Ministru deciza minn dan it-Tribunal fl-24 ta' Frar, 2003:

"Is-setgha ta' hatra ta' ufficjali pubblici biex izommu jew jagixxu fil-kariga ta' Segretarju Permanenti tkun fil-President li jagixxi skond il-parir tal-Prim Ministru moghti wara li l-Prim Ministru jkun ikkonsulta mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Mela l-President kull ma jaghmel hu li jagixxi skond il-parir tal-Prim Ministru.

✓ Il-Prim Ministru ghandu l-obbligu li jikkonsulta mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Izda hawn l-obbligu tal-Prim Ministru dwar Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku hu biss li jikkonsulta maghha ghax kif spjega Dr Camilleri hemm distinzjoni netta bejn ir-rakkomandazzjoni u li tikkonsulta. Izda x'inhuma l-funzjonijiet tal-Permanent Secretary? Certament dak li jikko-ordinaw id-Dipartimenti governattivi f'dawk il-Ministeri b'mod li jezercita d-direzzjoni generali u kontroll fuq dawk id-dipartimenti. Il-kariga tieghu hija superjuri ghal dak ta' kap ta' Dipartiment. Issa kif tghid l-istess Kostituzzjoni l-kapijiet ta' Dipartimenti tal-Gvern li ma jkunux dawk li l-mod ta' hatra taghhom huwa specifikatament provdut fil-Kostituzzjoni ghandhom ikunu mahtura minn fost l-ufficjali pubblici anzjani mill-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Dan kollu jwassal li l-anzjanita` ghandha tigi rispettata. It-Tribunal bil-fors ikollu jirrimarka hawn dwar il-kariga ta' "segretarji permanenti" mahtura ghal zmien temporanju!

B'dan certament it-Tribunal mhux qieghed jghid li min ikun ilu jsahhan is-siggu l-aktar ghandu jilhaq specjalment fil-karigi gholja, izda li min-naha l-ohra jrid ikun hemm ragunijiet validi ghala dan ghandu jigi mwarrab. Il-Kostituzzjoni stess tghid li l-kapijiet tad-dipartimenti ghandhom ikunu maghzula minn fost l-ufficjali pubblici anzjani, u ghalhekk l-istess Kostituzzjoni qedgha taghti importanza lill-anzjanita` pero` fl-istess hin qedgha tghid li trid issir ghazla minn fosthom b'mod li ghalhekk qedgha taghti certu diskrezzjoni fil-persuna li taghzel – li f'dan il-kaz huwa l-Prim Ministru. Jekk persuna giet fdata bit-tmexxija tal-Gvern mill-poplu ghandha d-dritt li taghzel min fil-kuxjenza taghha tahseb li hu/hi l-aktar adegwata ghal tali post u aktar ma l-post hu ta' importanza aktar tali

ghazla hija aktar diskrezzjonali.  Pero' xorta wahda li f'din l-ghazla m'ghandhomx jipprevalu xi sentimenti personali jew kapriccuzi izda elementi suggettivi ta' anzjanita`, esperjenza, kwalifiki, personalita` u fatturi ohra relevanti."

Ghalhekk dwar it-talba tar-rikorrent ghall-promozzjoni huwa kompitu tal-Prim Ministru li ghandu l-obbligu li jikkonsulta mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u mhux tas-Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru.  Ghalhekk is-Segretarju Permanenti mhux il-legittimu kontradittur ghal dan l-ilment u dan kif definit mill-Kostituzzjoni Art 92 (4).  Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------